MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Numru 232/2006

**Illum 27 ta' Novembru 2006**

**App Nru 232/06**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jason Buttigieg**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jason Buttigieg bin Martin u Josephine nee` Tabone talli fit-18 ta' Frar, 2006 ghall-habta tal-12.20 a.m. fi Triq Fortunato Mizzi, Rabat, Ghawdex, bhala sid tal-vettura numru CBF-617 Seat (**1**) ippermetta lil Adam Daniel De Brincat isuq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahrgua mill-Awtorita` Dwar it-Trasport, u (**2**) minghar ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni rigward ir-riskji ta' terzi persuni; l-ewwel

Qorti kienet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra l-piena stabblita, hija tiskwalifika lill-imputata mil-licenzja tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-8 ta' Gunju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Jason Buttigieg hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa ta' elf lira Maltin (Lm1000), kif ukoll skwalifikatu mill-licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta' sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Jason Buttigieg, minnu prezentat fit-22 ta' Gunju 2006, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-1 ta' Settembru 2006; ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma li l-ewwel Qorti qatt ma messha sabitu hati kif effettivament sabitu u dan ghal zewg ragunijiet: (i) ghax hu dejjem minghalih li Adam Daniel DeBrincat kellu licenzja tas-sewqan u (ii) ghax hu (cioe` l-appellant) kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni.

Jibda biex jinghad li t-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-imputat, illum appellant, Jason Buttigieg ma tirriferix ghax-nuqqas ta' kopertura tal-assigurazzjoni <u>fir-rigward tieghu</u>, izda ghan-nuqqas ta' kopertura fir-rigward ta' DeBrincat – sitwazzjoni li hi wkoll koperta bl-Artikolu 3 tal-Kap. 104. Ghalhekk it-tieni aggravju huwa altament fieragh.

Kwantu ghal-ewwel aggravju, l-appellant jikkontendi li hu kien minghalih li Brincat kellu licenzja ghax gie li rah isuq. Kien ghalhekk, skond l-appellant, li dak inhar meta twaqqfu mill-pulizija huwa kien halla lil DeBrincat isuq il-vettura tieghu, anke ghax kienu gejjin minn diskoteka u hu (l-appellant) hassu ma jiflahx.

Dana t-tieni aggravju huwa wkoll wiehed fieragh. Meta persuna tippermetti lil persuna ohra li ssuq il-vettura taghha, hi ghandha taghmel il-verifiki <u>kollha</u> mehtiega <u>qabel</u> ma tippermetti lil dik il-persuna l-ohra li ssuq il-

vettura taghha biex tassigura ruhha li dik il-persuna l-ohra verament ghandha licenzja valida tas-sewqan (li minghajrha ma jistax ikun hemm kopertura ta' assigurazzjoni) u li l-polza ta' assigurazzjoni tkun effettivament tkopri lil dik il-persuna l-ohra (hafna poloz, per ezempju, ma jkoprux persuna ohra li ghalkemm ikollha tmintax-il sena u jkollha licenzja tas-sewqan, ma jkollhiex eta` partikolari oghla ohra). Il-minimu li wiehed ghandu jaghmel hu li jitlob li jara l-licenzja tas-sewqan ta' dik il-persuna l-ohra. Minn dan kollu l-appellant ma ghamel assolutament xejn, izda halla lill-habib tieghu (li allura messu kien jaf li ma kellux tmintax-il sena !!) isuq semplicement ghax jghid li gie li rah isuq. Apparti minn hekk, meta l-pulizija li waqqafhom – u li inzerta kien jaf lil DeBrincat u allura kien jaf li hu kien ghadu minorenni – qal lill-appellant biex jerga' jiehu postu wara l-i*steering wheel*, l-appellant hekk ghamel u l-vettura kompla suqha hu: il-hass hazin li jghid li kellu malajr ghaddielu.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li dana l-appell huwa wkoll wiehed fieragh fis-sens tas-subartikolu (2) tal-Artkolu 429 tal-Kodici Kriminali, tikkkundanna lill-appellant ihallas ukoll ammenda ta' mitt lira (Lm100). L-iskwalifika mill-licenzja tas-sewqan tibda mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------